FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 9 TA' SETTEMBRU, 1996

Avv Nru.350/96

Alfred u Doris mizzewgin Debono

vs

Paul Borg

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Lulju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Sitta u erbghin Lira Maltija (Lm46), prezz ta' tiswija ta' karrozza Subaru F-7280, premess illi waqt li l-imsemmija Subaru proprjeta' tal-atturi kienet ipparkjata (wieqfa), intlaqtet mill-Van Escort numru H-2577 misjuq mil-konvenut u garrbet hsara li ssewwiet ghand l-Oriental Garage ta' Joseph Cucciardi bil-prezz fuq imsemmi, Dok.A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tas-6 ta' Gunju, 1996.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u msejjah lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda ta' Alfred Debono.

Ikkunsidra li mix-xhieda mismugha jirrizulta fil-21 ta' April, 1996, meta l-attur kellu l-karrozza tal-marka Subaru numru ta' registrazzjoni F-7280, pparkjata fit-triq tac-Cirkewwa vicin ta' fejn hemm il-moll tal-vapur, il-konvenut li kien pparkjat b'Escort, ghabba l-karrozza b'mod li lanqas ma seta jara wara, irriversja u dahal gol-vettura tal-atturi.

L-ispejjez tat-tiswija tal-vettura tal-atturi ammontaw ghall-Sitta u erbghin Lira Maltija, (Lm46), inkluz Taxxa fuq il-Valur Mizjud, skond ma jirrizulta mir-ricevuta fiskali, Dok.A.

It-Tribunal hu tal-fehma li l-incident in kwistjoni gara tort tal-konvenut meta dana irriversja meta ma setghax jara x'kien hemm warajh.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut jhallas lill-atturi l-ammont ta' Sitta u erbghin Lira Maltija (Lm46), ghad-danni kif fuq inghad; kif ukoll l-ispejjez tal-ittra legali tas-6 ta' Gunju, 1996;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.